MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH CASSAR

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2002

Rikors Numru. 4/2001/1

**Pauline Cilia**

**Vs**

**Grace Camilleri**

Il-Bord,

1. Ra r-rikors ta' l-esponenti li qalet li;

(i) tikri l-fond St. Martin Victory Street Qormi lill-intimata bil-kera ta' sittin lira Maltija (Lm60) fis-sena.

(ii) il-post ilu mikri ghand l-intimata ghal dawn l-ahhar 35 sena.

(iii) Il-kera jisthoqqillha li tkun riveduta u ammentata.

U talbet

l-ammont tal-kera ghal semma li jistabilixxi l-Bord bhala kera gusta.

2. Il-procedura meta l-kera hi aktar minn erbghin (40) lira fis-sena hija dik imsemmija fl-art 14(2) tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta. F'dan il-kaz fir-rikors jinghad li l-kera hi sittin (60) lira Maltija fis-sena u ghalhekk il-procedura li jrid jaghmel is-sid hi dik indikata fl-imsemmi art 14 (2). Hawnhekk giet addottata l-procedura msemmija fl-art 14(1) li mhix applikabbli ghal kaz.

3. Il-procedura hi ta' ordni pubbliku u hawnhekk il-bord ikollu jqajjem il-punt hu. Bi zvista l-Bord stess hatar periti teknici li pprezentaw rapport imma l-Bord ma jistax imur kontra l-proceduri.

Il-Bord jiddikjara r-rikros irritu u null u jillibera lill-intimata mill-osservanza tal-gjudizzju; l-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------